FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2001

**Avviz Nru: 1056/01 PM**

**Benjamin Curmi**

**vs**

**Leslie Mangion**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (LM350.00) rapprezentanti drittijiet medici (dentist), in linea ta' danni sofferti mill-attur kagun ta' incident li sehh fl-istabiliment bl-isem "De Lippo Café".

Ra li rapprezentant tal-attur ikkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat izda naqas li jipprezenta risposta jew jikkontesta il-kawza.

Ghaldaqstant fil-kontumacja tal- konvenut jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**